# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 4**

**Rikors Numru: 60/12 MCH**

**Dennis Tanti**

**v.**

**Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita`, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita`, Ufficjal Mediku Ewlieni fil-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita`**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fis-7 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita` u tal-Ufficjal

Mediku Ewlieni fil-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita`, u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, filwaqt li cahdet it-talbiet fil-mertu tar-rikorrenti, peress li dan ma rnexxilux jipprova li garrab xi ksur tad-dritt tieghu li ma jkunx suggett ghat-trattament degredanti jew inuman, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] jew l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali [il-Konvenzjoni]. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet, li fihom ukoll esposizzjoni tal-fatti saljenti:

> "Illi permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qieghed jilmenta li garrab ksur ta' dritt fundamentali rigward helsien minn trattament inuman u degradanti, hekk kif sancit permezz tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, waqt li kien impjegat bhala Assistent Direttur fi hdan il-Ministeru ghas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita. Huwa jelenka lista shiha ta' avvenimenti li sehhew fuq medda ta' madwar tliet snin waqt li kien jokkuppa din il-kariga, li fil-fehma tieghu jixhdu li gie assogettat ghal trattament inuman u degradanti b'tali mod li nkisirlu l-imsemmi dritt fundamentali tieghu.
>
> "Min-naha taghhom l-intimati laqghu ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi preliminarjament eccepew li l-intimati Ministru u Ufficjal Mediku Ewlieni fi hdan il-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita, mhumiex il-legittimi kontradditturi a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li fil-mertu, l-intimati ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta taghhom, jiehdu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala nfondati, peress li ma sehh ebda ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem, kif sancit permezz tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3

tal-Konvenzjoni Ewropea. Jghidu wkoll li r-rikorrent ghamel l-istess allegazzjonijiet quddiem l-Ombudsman, fejn kien konkluz li tali akkuzi kienu nfondati jew sahansitra inveritieri.

“Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, fejn huwa sostnut illi l-Ministru intimat u l-Ufficjal Mediku Ewlieni mhumiex il-legittimi kontraditturi a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa meta wiehed iqis kemm il-provvediment innifsu, kif ukoll il-gurisprudenza in materja, fil-kuntest tal-fatti rizultanti mill-atti. L-imsemmi artikolu tal-Kap. 12 jiddisponi li:

> ““181B.(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.”

“Fis-sentenza tal-Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-16 ta’ Mejju, 2008, fl-ismijiet **Paul Fenech et v Kummissarju tal-Arijiet et**, fejn fiha saret referenza ghal sentenza ohra tal-31 ta’ Mejju, 2006, fl-ismijiet **Simon Caruana vs Onor. Prim Ministru**, li ezaminat bir-reqqa d-disposizzjoni tal-ligi partikolari meta nghad:

> ““Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f’kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f’kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f’kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.”

“Dan l-istess principju kien ritenut ukoll fis-sentenza Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-30 ta’ Novembru, 2006, fl-ismijiet **Maria Muscat et vs Benny Dingli et**. Hekk ukoll fis-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament preseduta), tal-11 ta’ Marzu, 2009, fl-ismijiet **Angelo Borg et vs Direttur Generali tax-Xogholijiet et**, il-Qorti laqghet eccezzjoni simili u qalet hekk:

> ““Fir-rigward tal-Ministru mbaghad ma hemmx dubju li ma kellux ghalfejn jigi citat ladarba li l-ligi tispecifika li ghandu jigi citat il-Kap tad-Dipartiment koncernat. Madanakollu mill-aspett purament legali l-eccezzjoni hija fondata u se tigi milqugha.”

“Minn ezami tar-rikors promotur, kif ukoll tal-provi mressqa mir-rikorrent, jirrizulta li huwa jilmenta principalment mill-agir tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru, li tahtu jaqghu d-Dipartimenti li maghhom kien jahdem ir-rikorrent bhala Assistent Direttur. Mhemmx dubju li mit-tliet intimati, is-Segretarju Permanenti kien l-ufficjal superjuri li tahtu kien jaqa’ r-rikorrent. Dan qieghed jinghad ukoll a bazi ta’ dak li jirrizulta mill-korrispondenza esebita mill-istess rikorrent a fol. 117 tal-process.

“Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-Ministru tas-Sahha, l-

Anzjani u Kura fil-Komunita u tal-Ufficjal Mediku Ewlieni fi hdan l-istess Ministeru, bhala intimati ma jistghux jintlaqghu u isegwi li ghandha tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, fis-sens li l-Ministru u l-Ufficjal Mediku Ewlieni ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“Fil-mertu, minn ezami tal-fatti jirrizulta mill-atti li r-rikorrent kellu l-kariga ta’ Assistent Direttur ghas-Servizzi tal-Infermiera fi hdan id-Direttorat tar-Rizorsi Umani. Ir-rikorrent jispjega l-proceduri li bihom il-Gvern kien qieghed jipprova jiffacilita l-ingagg ta’ infermiera u qwiebel, sabiex jindirizza n-nuqqas li kien hemm fis-Servizz Pubbliku. Ghalhekk filwaqt li fil-grad ta’ Enrolled Nurse, l-istess Ministeru inghata s-setgha li jaghmel rakkomandazzjoni diretta lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, fil-kaz ta’ dawk li kienu precedentement impjegati fl-istess grad, min-naha l-ohra, dawk fil-grad ta’ Staff Nurse jew Midwife, wara li jigu ngaggati fuq bazi temporanja ta’ sena, direttament mill-Ministeru tas-Sahha, sussegwentement jinghataw l-opportunita li jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom billi wara li ssir sejha regolari mahruga mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, u wara li jghaddu minn process ta’ ghazla regolari, ikunu jistghu jigu impjegati fuq bazi permanenti.

“Izda gara li wara li giet introdotta din il-procedura regolatorja, inqalghu diversi diffikultajiet, fosthom li s-sejha kienet tehtieg li l-applikanti jkollhom livell gholi fil-proficenza taghhom fil-lingwa Ingliza, bil-konsegwenza li diversi infermiera barranin ma rnexxilhomx jghaddu mill-process selettiv, peress li tqiesu ineligibbli. Kien ghalhekk deciz li jitbaxxa l-livell tal-proficenza fil-lingwa Ingliza u ghalhekk kienet emendata s-sejha ghall-applikazzjonijiet. Izda peress li lahaq ghadda z-zmien, u nqalghu diversi problemi ohra, numru ta’ infermiera ngaggati fuq bazi temporanja, lahaq skadilhom iz-zmien, minghajr ma lahqu rregolarizzaw l-posizzjoni taghhom. Ir-rikorrent ghamel numru ta’ tentattivi ma’ diversi entitajiet sabiex jipprova jsib soluzzjoni billi jigi estiz it-terminu ta’ ingagg tal-imsemmija nfermiera, peress li kellu direzzjoni cara minghand is-Segretarju Permanenti li tinstab soluzzjoni, sabiex ma jonqosx in-numru ta’ infermiera ngaggati mal-Gvern.

“Meta r-rikorrent nghata r-risposta definittiva mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li l-estensjoni tat-terminu ta’ ingagg tal-infermiera ma setax jigi estiz, huwa baghat lis-superjuri tieghu, lista ta’ infermiera u qwiebel li kien skadilhom it-terminu tal-kuntratt u talab direzzjoni. Kien hawn li s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru kkonernat, permezz ta’ email wiegeb lir-rikorrent, kif ukoll inkluda lil dawk kollha nvoluti fil-Management fid-diversi Dipartimenti tas-Sahha, fejn esprima d-dizappunt tieghu lejn is-sitwazzjoni kollha, talab spjegazzjoni ghas-sitwazzjoni, kif ukoll zamm lid-Diretturi tal-entitajiet kollha kollettivament responsabbli mis-sitwazzjoni fejn minhabba nuqqas ta’ azzjoni xierqa, kienu ser jintilfu numru ta’ infermiera.

“Ir-rikorrent hassu offiz bl-istess korrispondenza (esebita a fol. 87 tal-process) peress li s-Segretarju Permanenti akkuzah, flimkien mal-

ohrajn, b'negligenza kollettiva kriminali fl-ingagg ta' infermiera meta f'sena naqsu milli jigru wara l-istess infermiera sabiex japplikaw ghal post permanenti u li l-applikazzjonijiet taghhom ikunu pprocessati fil-hin. Ir-rikorrent jaghti numru ta' spjegazzjonijiet fosthom l-ineligibilita ta' numru ta' infermiera ghas-sejha pubblika minhabba l-ostakolu tal-lingwa Ingliza, li huwa ma kellu ebda responsabbilta ghaliha u ghalhekk hass li s-Segretarju Permanenti kien ingust fl-akkuzi li ghamel fil-konfront tieghu.

"Konsegwentement l-ingagg ta' numru ta' infermiera u qwiebel kellu jigi terminat peress li lahaq skadilhom il-kuntratt temporanju, u minflok dawn l-istess infermiera u qwiebel gew ingaggati temporanjament ghal perjodu definit ta' sitt xhur, mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici, sakemm huma setghu jirregolarizzaw l-impieg taghhom mas-Servizz Pubbliku. Ir-rikorrent jesebixxi korrispondenza ohra mibghuta mill-istess Segretarju Permanenti (a fol. 111 u 113 tal-process), fejn jallega li s-Segretarju Permanenti baqa' jattakkah sistematikament sabiex ihammeg ir-reputazzjoni tieghu. Filwaqt li f'okkazzjoni ohra (a fol. 114 tal-process) l-istess Segretarju Permanenti jindirizza hames ufficjali gholja fil-Ministeru tieghu (inkluz ir-rikorrent) fejn intqal li din is-sitwazzjoni kienet ikkawzat imbarazzament konsiderevoli lilu personalment.

"Jirrizulta wkoll li r-rikorrent inghata ittra datata 14 ta' Frar, 2011, (esebita a fol.118 tal-process) li permezz taghha, id-Direttur tar-Rizorsi Umani nfurmah li kien ser jinghata twiddiba bil-miktub a tenur tal-artikolu 19 tar-Regolamenti tas-sena 1999, tal-Proceduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, talli abbanduna d-dmirijiet tieghu u naqas milli jizgura l-impieg ta' infermiera barranin. Izda wara li r-rikorrent wiegeb ghall-istess ittra, huwa tqies li skolpa lilu nnifsu u ghalhekk ma ttiehdu ebda passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent. Izda huwa jilmenta li ftit wara dan l-episodju, l-ingaggar u trasferimenti tal-infermiera tnehhew minn taht ir-responsabbilta tieghu.

"Jilmenta wkoll ghall-fatt li tul l-impieg tieghu fdin il-kariga, huwa kien rinfaccat bi pressjoni kbira minn ufficjali mill-Ministeru sabiex jigu facilitati talbiet ghal trasferimenti maghmula minn certi ufficjali pubblici, kif ukoll li jigu allokati xi infermiera li kien spiccalhom l-impieg taghhom mas-settur privat, sabiex jinghataw post skont il-preferenza taghhom, bil-konsegwenza li jinqabez it-turn ta' dawk l-infermiera li kienu diga fis-servizz pubbliku li kienu talbu ghal tali trasferiment. Fuq ordni tas-Segretarju Permanenti, huwa segwa dawk it-talbiet, minhabba l-pressjoni kbira li kienet tigi ezercitata fuqu u mhux ghaliex kien ihoss li dawn it-talbiet kienu necessarjament gustifikati, u ghalhekk jishaq li minkejja r-rezistenza tieghu, d-decizjonijiet mehuda mis-Segretarju Permanenti, ma kenux jippermettu li ssir gustizzja fl-allokazzjoni tal-infermiera.

"Sadanittant minkejja l-emenda fil-klawzola rigward il-proficenza lingwistika, fis-sejha ghall-infermiera mas-Servizz Pubbliku, dawk l-

infermiera barranin regghu tqiesu ineligibbli peress li l-Bord tal-ghazla naqas li jintervistahom kif kien mahsub fis-sejha. Dan wassal sabiex rega' skada t-terminu temporanju definit li fih l-infermiera kienu ingaggati tramite l-Fondazzjoni, minghajr ma giet regolarizzata l-posizzjoni ta' impieg tal-istess infermiera, izda l-istess infermiera thallew ikomplu jahdmu minkejja l-iskadenza u ghalhekk kien hemm kaz fejn inqalghet ukoll problema fil-hlas tas-salarju, minhabba nuqqas ta' kuntratt regolari u ta' approvazzjoni finanzjarja. Hawn ir-rikorrent jilmenta minn korrispondenza datata l-1 ta' Gunju, 2011, mibghuta lilu mid-Direttur ghar-Rizorsi Umani, (a fol. 135 tal-process) fejn jghid li kompla jintefa' aktar piz fuqu u li ngustament, inghata tort ghall-inefficenzi ta' haddiehor.

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-ghada ta' din l-ahhar korrispondenza, huwa safa trasferit mill-posizzjoni tieghu fi hdan id-Direttorat ghar-Rizorsi Umani ghad-Direttorat ghas-Servizzi Infermeristici. Huwa nghata l-istruzzjonijiet sabiex jiccaqlaq direttament mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru fl-ufficcju tieghu, fejn gie spjegat lilu li dan it-trasferiment kien jifforma parti minn ristrutturar estensiv fil-qasam tas-sahha. Ir-rikorrent jiddeskrivi t-trasferiment tieghu bhala wiehed mghaggel, peress li ma nghatax cans li jaghti hand over. Jilmenta illi l-ufficcju li nghatalu wara t-trasferiment kien mahmug u kellu shana nsopportabbli, tant li sakemm gie installat air conditioner, inghata l-permess li jahdem mid-dar. Jghid ukoll li ma gie delegat lilu ebda xoghol ghajr li jwiegeb xi emails u minn jeddu kien iwiegeb xi diffikultajiet li nqalghu dwar ix-xoghol precedenti li kellu. Ghalkemm kien gie mgharraf mid-Direttur ghas-Servizzi Infermeristici li kellu bzonn jaghmel uzu mill-esperjenza tieghu, sabiex isir awditjar tal-haddiema fid-Dipartiment tas-Sahha, huwa jilmenta li qatt ma nghata dan l-inkarigu u ghalhekk huwa hass li t-trasferiment tieghu kienet biss skuza sabiex jitnehha mill-posizzjoni li kellu qabel fi hdan id-Direttorat ghar-Rizorsi Umani u mhux biex jaghmel xoghol utli skont l-abbilita tieghu.

"Kien ghalhekk li fis-17 ta' Awwissu, 2011, ir-rikorrent ressaq l-ilment tieghu quddiem l-ufficju tal-Ombudsman, izda l-ilment tieghu kien gie michud peress li kien ritenut li r-rikorrent naqas milli jissustanzja l-ilmenti tieghu u fi kwalunkwe kaz, it-trasferiment moghti lilu kien rizultat ta' prerogattiva li kellu l-management li jiddeciedi dwar trasferimenti. Ir-rikorrent jghid li ma ntalabx u ghalhekk ma nghatax l-opportunita mill-ufficcju tal-Ombudsman, sabiex jissustanzja l-ilmenti tieghu, permezz tal-emails li kellu a disposizzjoni tieghu, u ghalhekk dik id-decizjoni inghatat ingustament fil-konfront tieghu.

"Ir-rikorrent jesebixxi wkoll sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Ottubru, 2004, f'kaz separat li l-istess rikorrent kellu precedentement, fejn irrizulta li f'incident precedenti ghal dak in ezami, kien irrizulta lii dik il-Qorti li t-trasferiment li kien inghata r-rikorrent f'dik il-kawza, ma kien xejn aktar minn kastig velat ta' dixxiplina, talli huwa kien ha passi legali fil-konfront tas-superjuri tieghu ta' dak iz-zmien. Izda fil-verita dak il-kaz ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz in ezami.

"Jinghad ukoll li kien biss ghall-ahhar tas-sena 2011, li d-Direttur ghas-Servizzi tal-Infermiera bghat ghalih sabiex jitfassal Performance Plan ghas-sena 2012, fejn ghalkemm gew stabbiliti erba' ghanijiet li kellu jilhaq fil-kariga gdida tieghu bhala Assistent Direttur ghas-Servizzi Infermeristici u Zvilupp Professjonali, ir-rikorrent jghid li sab ruhu jwettaq hafna anqas minn dak li kien ippjanat u ghalhekk sab ruhu maqtugh mid-day to day issues tad-Direttorat fejn kien jahdem. Jilmenta wkoll li l-ufficcju tieghu kien barra l-bini tad-Direttorat u spicca jqatta' hafna zmien jistenna l-hin jghaddi. Ghal din ir-raguni, r-rikorrent beda japplika ghal diversi posizzjonijiet ohra mahruga mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, relatati max-xoghol tieghu.

"Fis-16 ta' Gunju, 2012, ir-rikorrent inhatar bhala Assistent Direttur (Industrial and Employment Relations) fi hdan l-istess Ministeru ghas-Sahha, liema kariga kienet taqa' taht id-Direttur ghar-Rizorsi Umani. Gimghatejn wara nghata Performance Plan, fejn ir-rikorrent jilmenta li l-kompiti moghtija lilu kienu limitati ghal gbir ta' informazzjoni relatat ma ftehimiet kollettivi li kienu fis-sehh ghad-diversi kategoriji ta' ufficjali pubblici fil-qasam tas-sahha, izda ma kienx involut fid-diskussjonijiet dwar il-ftehimiet settorjali godda li kienu ghaddejjin bejn il-Gvern u l-unions. Jinghad ukoll li d-Direttur dam ma tah access ghal HR Forum, bil-konsegwenza li rega' ghadda xahar fejn ma nghatax xoghol x'jaghmel.

"Meta f'Awwissu 2012, ir-rikorrent lahaq l-eta ta' irtirar, u ghalkemm huwa thajjar ikompli jahdem bhala Staff Nurse mal-istess Ministeru, skont l-Istrument ta' Delega, huwa jilmenta li rega' kellu jiffaccja atteggament negattiv mill-istess Direttur ghar-Rizorsi Umani, peress li dam madwar hamsin jum sabiex jinghata risposta, sakemm fl-ahhar gie assenjat ir-rwol ta' Staff Nurse fic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, fejn baqa' jahdem ir-rikorrent.

"Il-versjoni tar-rikorrent tinsab kontradetta minn numru ta' xhieda, fosthom Jesmond Sharples, Direttur Nursing Services. Dan ix-xhud jispjega li dak li jilmenta minnu r-rikorrent, fil-verita ma kienx trasferiment, izda business re-engineering process, fejn fl-2010 huwa stess nbidlitlu l-kariga tieghu minn Direttur Nursing Standards ghal Direttur Nursing Services u r-rikorrent ukoll nbidlet il-kariga tieghu u gie assenjat lilu bhala Assitent Direttur Nursing Services. Kien hemm madwar hames impjegati ohra li gew assenjati lii dan id-Direttorat ukoll. Dan ix-xhud jishaq ukoll li l-ufficcju tar-rikorrent kien dak biswit tieghu (mhux barra l-bini kif allegat mir-rikorrent) u peress li l-kamra tieghu ma kinitx ippreparata adegwatament, ir-rikorrent intalab li jaghti hand over tax-xoghol li kellu precedentement u inghata l-fakolta wkoll li jahdem mid-dar sakemm jitlestew il-facilitajiet kollha fl-ufficcju l-gdid tieghu ghal madwar xahrejn. Apparti l-kamra tar-rikorrent kien hemm kmamar ohra wkoll li kellhom jitrangaw bl-istess mod. Ix-xhud jispjega wkoll li r-rikorrent baqa' fl-istess kariga, bl-istess kundizzjonijiet tax-xoghol, izda minflok baqa' jirraporta lis-Sur Barbieri, issa kien jirraporta lilu u f'post

differenti. Kien zmien ta' transizzjoni kbira ghal kull min kien involut, inkluz l-istess Direttur.

"Da parti tieghu s-Segretarju Permanenti, Dr Kenneth Grech spjega li fiz-zmien in kwistjoni, kien hemm pressjoni qawwija sabiex jigu impjegati l-infermiera kollha li kien possibbi, peress li kien hawn nuqqas kbir fil-pajjiz u li r-rikorrent li kellu l-kariga ta' Assistent Direttur, kien specifikament responsabbli mill-ingaggar tal-infermiera. Meta kien konfrontat bl-email li biha r-rikorrent hassu offiz, jispjega li meta intqal minnu "this is criminal and this inaction on your collective part cannot be tolerated any more", huwa kien qieghed jikkritika s-sitwazzjoni fejn l-ingagg temporanju ta' sena tal-infermiera tant mehtiega, kien ser jiskadi minghajr ma sar uzu mill-opportunita sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. Ghalhekk is-sitwazzjoni kienet kriminali, u mhux ir-rikorrent kien qieghed jigi akkuzat li ghamel xi haga kriminali. Fil-fatt jispecifka wkoll li din l-email ma ntbaghtitx lir-rikorrent biss izda numru ta' ufficjali ohra. Izda jishaq li fi zmien sena, ir-rikorrent kellu zmien bizzejjed, bhala l-ufficjal responsabbli, sabiex jassigura li dawn l-infermiera jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom fis-servizz pubbliku. Ta' dan in-nuqqas kien gie deciz li jinhareg kaz ta' dixxiplina kontra r-rikorrent li wara li nghata avviz, huwa kellu c-cans jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu, u sussegwentement sar jaf li l-Kap tad-Dipartiment skulpah. Mistoqsi dwar kif infermiera li spiccaw jahdmu minn ma' sptar privat qabzu lill-Infermiera l-ohra, ix-xhud jispjega li r-rikorrent kien responsabbli biss mir-reklutagg u mhux mid-deployment tal-infermiera, li kienet responsabbilta ta' haddiehor. Ix-xhud jiddeskrivi lir-rikorrent bhala persuna li kien ta' spiss jindahal fi hwejjeg li ma kenux jikkoncernaw lilu.

"Dwar l-infermiera li spiccalhom l-impieg taghhom minn mas-settur privat u li xtaqu li jigu allokati fis-swali tal-operazzjonijiet, xehed ukoll il-Ministru ta' dak iz-zmien Dr Joseph Cassar, li spjega li ghalkemm huwa kien involut fil-policy, ma kienx involut fid-day to day management. Jghid ukoll li ghalkemm kien irnexxilu li jdahhal b'success sistema fejn minhabba d-dewmien fl-ingaggar tal-infermiera fis-servizz pubbliku, infermiera gradwati u dawk barranin kienu jigu impjegati mal-ewwel fuq bazi temporanja, sabiex jindirizza n-nuqqas ta' infermiera u ma jintilfux bili jmorru jfittxu impieg band ohra, fil-kaz tal-infermiera mill-privat, zgur li ma kellux success, peress li ghalkemm huwa xtaq jakkomodahom sabiex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas ta' infermiera li kien hemm mat-teatri tal-operazzjonijiet, kif riedu l-istess infermiera, sab rezistenza mill-amministrazzjoni tac-Civil li rieditom jidhlu fis-sistema tat-turn u jmorru fi sptarijiet ohra. Ghalhekk dawn l-infermiera mill-privat fil-maggoranza assoluta intilfu, minkejja d-direzzjoni moghtija mill-Ministru.

"Xehed ukoll Joseph Barbieri li kien Direttur tar-rikorrent ghal madwar tliet snin, kemm bil-procedura tal-affidavit kif ukoll in kontroezami, fejn jikkontesta l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent kemm fil-konfront tieghu, kif ukoll fil-konfront tal-operat tal-Ministeru. Huwa jichad kategorikament li safa mhedded mis-Segretarju Permanenti sabiex jiehu passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent u dehrlu li mexa mar-rikorrrent

b’sens ta’ gustizzja, meta ghalkemm hareg l-ittra li kien fil-hsieb li tinhareg fil-konfront tar-rikorrent twissija bhala parti mill-procedura ta’ dixxiplina, effettivament qies li r-rikorrent kien skolpa ruhu bit-twegiba li ressaq u l-proceduri waqfu hemm. Barbieri jispjega wkoll li kuntrarjament ghal dak li ntqal mir-rikorrent, permezz tal-email tieghu tal-1 ta’ Gunju, 2011, il-kelma li uza "our” kienet tindika l-htiega li jahdmu flimkien bhala tim sabiex jissorvolaw id-diffikultajiet flimkien u mhux li huwa kien qieghed jonqos mir-responsabbiltajiet tieghu, specjalment meta wiehed jikkonsidra li r-rikorrent kien jaf il-posizzjoni tad-Direttorat. Huwa jichad kategorikament li xi hadd mill-Ministeru ta struzzjoni sabiex ir-rikorrent jitnehhewlu l-mansjonijiet ta’ ingaggar u trasferimenti ta’ infermiera, izda dan kien biss konsegwenza ta’ ristrutturar fil-Ministeru tas-Sahha, u ghalhekk skont l-ezigenzi tad-Dipartiment. Jghid ukoll li ghalkemm ir-rikorrent ma qabilx mal-istruzzjonijiet moghtija mis-Segretarju Permanenti dwar it-trasferiment ta’ infermiera ohra, ma jsegwix li dawn ma sarux fl-interess tal-operat fil-qasam koncernat u dan skont l-ezigenzi tas-servizz. Ix-xhud jispjega wkoll id-diffikulatjiet prattici li kellu meta ir-rikorrent lahaq Assistent Direttur (Industrial and Employment Relations) fl-ahhar xahar u nofs tal-impieg tieghu bhala Assistent Direttur, qabel ma dan spicca mill-kariga, konsegwenza li lahaq l-eta ta’ irtirar. Hekk ukoll dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent li jibqa’ jahdem wara l-eta tal-irtirar permezz tal-Instrument of Delegation, jinghad ukoll li r-rikorrent inghata risposta flimkien ma’ numru sostanzjali ohra ta’ infermiera li kienu lahqu l-eta tal-irtirar fl-istess zmien fil-bidu ta’ Novembru, 2012, filwaqt li jichad li approva xi impieg permezz tal-Instrument of Delegation qabel iz-zmien tal-irtirar ta’ xi impjegat. Barbieri jishaq li mexa fil-konfront tar-rikorrent b’mod gust u korrett.

“Ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-konsiderazzjonijiet legali dwar il-kaz in ezami, ghandu jinghad li r-rikorrent jibbaza l-kaz tieghu fuq l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

> ““(1) Hadd ma ghandu jkun essoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.
>
> “(2) Ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita’ ta’ xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ dan l-artikolu safejn il-ligi in kwestjoni tawtorizza l-ghoti ta’ xi deskrizzjoni ta’ piena li kienet legali f’Malta minnufih qabel il-gurnata stabilita.”

“Filwaqt li l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> ““Hadd ma ghandu jkun essoggetat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti;”

“Ghandu jinghad mal-ewwel li mill-fatti esposti qabel, ma jirrizultax lil din il-Qorti il-gravita mehtiega sabiex jirrizulta l-ksur tal-imsemmija artikoli tal-ligi, hekk kif pretiz mir-rikorrent. Kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Ottubru, 2007, fl-

ismijiet **Lawrence Gatt vs L-Onorevoli Prim'Ministru et**:

"Definizzjoni tat-terminologija uzata fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, kien inghata mill-Kummissjoni Ewropea fl-hekk imsejha Greek Case. Fir-rapport taghhom ippubblikat fil-5 ta' Novembru, 1969, jinghad a propozitu:

> ""The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word "torture" is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience".

"Din id-definizzjoni giet konfermata mill-istess Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fil-25 te' Jannar, 1976, fil-kaz "Ireland vs United Kingdom". F'dan ir-rapport intqal ukoll iIIi:

> ""Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in same cases, the sex, age and state of health of the victim."

"F'dan il-kuntest, I-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (3rd Edit. pag. 313) jaghmlu analizi ta' kawza ohra, I-East African Asians Case (irrapportata mill-Kummissjoni fI-14 ta' Dicembru, 1973). Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-kaz:

> ""It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that - given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature - "**an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as IIdegrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity**".

"Dan I-element ta' gravita jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb "European Convention on Human Rights" (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu: "**The defining feature of degrading**

**treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross**".

"Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "Galea vs Segretarju tad-Djar", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li **trattament degradanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita tal-bniedem**. Dawn il-principji ta' intensita jew severita gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija", minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. **Fil-fatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degradanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta u gravita**. (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

"Hekk ukoll f'sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-14 ta' Gunju, 2016, fl-ismjiet **Anthony Gauci vs Transport Malta et**, inghad:

"lIIi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor ... u jidher li llum hu generalment eccettat li biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati[1], jehtieg certu grad ta' gravita[2]", li minghajru ma jkunx jista' jinghad li sehh ksur ta' dak il-jedd[3]. Ghalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju[4];

"lIIi b'zieda ma' dan, huwa mitmum ukoll li minhabba li 'trattament degradanti u inuman' huma koncetti astratti, biex tassew jista' jinghad li sehhew iridu "jikkonkretizzaw necessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' certa gravita[5] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament halla fuq il-persuna li kienet suggetta ghalih[6]. Minbarra dan, jista' jkun il-kaz li l-qies dwar jekk imgieba partikolari tkunx wahda li ggibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun 'judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time ... It is clear that the answer to the question whether Arlicle 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations

[1] F'dan il-kaz, jigifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[2] Kost. 20.07.1977 fil-kawza fl-ismijiet Guzeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et (Dec. Kost. II, Gh.S.L., p549)
[3] Q.E.D.B. 06.10.2015 fil-kawza fl-ismijiet Lecomte vs Germanja (Applik. Nru. 80442/12) §§91-2
[4] Kost. 18.11.1989 fil-kawza fl-ismijiet Testa vs Attard noe et (Kollez. Vol: LXXIII.i.185)
[5] Kost. 08.05.2001 fil-kawza fl-ismijiet Bonello vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXXV.i.1)
[6] Kost. 05.04.1991 fil-kawza fl-ismijiet Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXV.i.106

and feelings[7]";

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-piz tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju ragonevoli li tabilhaqq ikun sehh ksur tal-imsemmi artikolu[8]. Irid jinghad li din mhijiex fehma li maghha jaqbel kulhadd[9]. Izda "such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parlies when evidence is being obtained has to be taken into account[10]",

"Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkun fil-qafas tieghu, maghduda l-mod ta' kif jinghata, it-tul tieghu), l-effetti fizici u morali li jhallu fuq il-persuna hekk trattata, u cirkostanzi ohrajn bhas-sess, l-eta u s-sahha tal-vittma. Trattament jitqies bhala inuman meta tal-anqas igib fuq il-vittma tbatija fizika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi griehi li jidhru fuq il-gisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu[11]". L-istharrig li trid taghmel il-Qorti dwar jekk it-trattament moghti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut mat-tmien li l-kaz ikun qieghed quddiemha biex tqis l-ilment.[12]"

"Din il-Qorti, meta tapplika il-principji hawn fuq enuncjati ghall-fatti tal-kaz in ezami, issib illi hafna mill-episodji imsemmija mir-rikorrent huma okkorrenzi meqjusa normali fl-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern. Huwa ritenut li l-komunikazzjoni li hareg is-Segretarju Permanenti fil-konfront ta' numru ta' ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha (mhux fil-konfront tar-rikorrent biss) ghalkemm hija iebsa, essenzjalment tesprimi d-dizappunt tieghu fis-sitwazzjoni u tattakka dak li jsejjah bhala nuqqas ta' azzjoni kollettiva f'waqtha. Huwa jattakka lil dan in-nuqqas ta' azzjoni u mhux li r-rikorrent personalment kien wettaq xi azzjoni kriminali, kif donnu jinterpretaha r-rikorrent. Rigward il-bidu ta' proceduri dixxiplinari ma jirrizultax l-akkaniment li jilmenta minnu r-rikorrent. Tant hu hekk, li meta huwa wiegeb l-avviz moghti lilu, il-proceduri twaqqfu peress li kien ritenut li r-rikorrent skolpa lilu nnifsu. Hekk ukoll dak li r-rikorrent isejjah bhala trasferiment, jirrizulta car lii din il-Qorti li kien hemm tassew ristrutturar fi hdan il-Ministeru tas-Sahha li ma affetwax biss

[7] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit. 2006), §7.3, f'p412 u 415
[8] Q.E.D.B. 13.06.2002 fil-kawza fl-ismijiet Anguelova vs Bulgarija (Applik. Nru. 38361/97) §111
[9] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'p241-3
[10] Q.E.D.B. 12.04.2005 fil-kawza fl-ismijiet Shamaiev et vs Gorgja u Russja (Applik. Nru. 36378/02) §338
[11] Kost. 31.10.2014 fil-kawza fl-ismijiet Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Habs et
[12] Kost 22.02.2013 fil-kawza fl-ismijiet Dilek Sahan et vs Ministru tal-Gustizzja u l-lntern et

> lir-rikorrent, izda numru ta' ufficjali ohra fi hdan il-Ministeru, inkluz id-Direttur koncernat. Dan ir-ristrutturar certament kien jaqa' fil-parametri normali tal-operat tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll skont il-htigijiet u l-ezigenzi tas-servizz pubbliku. Fir-rigward tal-ufficcju gdid minn fejn kellu jahdem ir-rikorrent, l-istess Direttur kien akkomodanti ghall-ahhar meta ra s-sitwazzjoni u sahansitra ppermetta lir-rikorrent jahdem mid-dar sakemm jindirizza n-nuqqasijiet li kkonstata fl-istess ufficcju allokat lir-rikorrent. Hekk ukoll din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent rnexxielu jipprova li kien trattat b'tali mod fl-ahhar inkarigu moghti lilu li jikkwalifika bhala trattament inuman jew degradanti. Dan jinghad ukoll fir-rigward tad-dewmien fir-risposta sabiex jkompli jahdem wara l-eta tal-irtirar skont l-Istrument ta' Delega, liema dewmien jixhed nuqqas ta' efficenza fis-servizz pubbliku, izda zgur mhux li r-rikorrent kien suggett ghal xi trattament inuman jew degredanti."

<u>L-Appell</u>

3. Ir-rikorrent appella b'rikors prezentat fis-27 ta' Dicembru 2016, u l-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa applikabbli ghall-kaz odjern; [2] il-livell ta' gravita` fil-kaz odjern tinkwadra ruhha fl-ambitu tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja; [3] ic-caqliq fix-xoghol tieghu ma hux rizultat ta' ezercizzju ta' ristrutturar; [4] l-agir tal-intimati ma kienx att ta' amministrazzjoni normali.

4. Ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez kontra l-intimati.

5. Da parti taghhom l-intimati wiegbu ghall-appell tar-rikorrent permezz ta' risposta datata 9 ta' Jannar 2017, fejn ghar-ragunijiet

hemmhekk esposti, talbu lill-Qorti sabiex tichad l-aggravju tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

*L-Aggravji*

6. Ir-rikorrent jibda billi jispjega illi hu kien inghata l-hatra ta' Assistent Direttur ghas-Servizzi tal-Infermiera (Rizorsi Infermeristici u Zvilupp Professjonali) u ghalhekk kien jirrispondi lejn id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi. Huwa kien irrifjuta li jikkollabora mas-Segretarju Permanenti Dr Kenneth Grech fl-impjieg ta' infermiera u qwiebel barranin minghajr licenzja tax-xoghol jew minghajr l-approvazzjoni tal-Ufficcju tal-Prim Ministru u tal-Ministeru tal-Finanzi, proprju ghaliex dan ma kienx lecitu li jsir.

7. F'Gunju 2011, kellu jiskadi l-kuntratt definit ta' sitt xhur ta' numru ta' infermiera li kienu gew impjegati mal-Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici wara li kien skada l-ingagg temporaneju ghal sena li kellhom mal-Gvern. Ghalhekk, fil-pozizzjoni tieghu, ir-rikorrent kellu d-dmir li jittermina l-impjieg taghhom. Izda fit-2 ta' Gunju, ftit jiem biss qabel skadew dawn il-kuntratti, habta u sabta hu sab ruhu trasferit ghad-Direttorat ghas-Servizzi Infermeristici. Sussegwentement ix-xoghol

tieghu inghata lill-Assistent Direttur (Rizorsi Umani) li min-naha tieghu ma ha ebda passi biex jittermina l-impjieg tal-infermiera koncernati u dawn baqghu jahdmu bi ksur flagranti tar-regolamenti mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru u minghajr l-approvazzjoni finanzjarja mehtiega.

8. Minkejja li hu gie trasferit ghad-Direttorat ghas-Servizzi Infermeristici, ir-responsabbilitajiet tieghu ma nbidlux u baqghu dawk li kienu b'relazzjoni diretta mad-Direttorat ghas-Servizzi Korporattivi. Huwa tqieghed f'kamra wahdu minghajr ma gie delegat lilu l-ebda forma ta' xoghol u f'ambjent tax-xoghol ghal kollox degredanti u li kien juri illi c-caqliq tieghu minn post ghal iehor kien biss intenzjonali ghalih u mhux ghax mahsub skont pjan strategiku; tant hu hekk li hu kien tqieghed f'ufficcju li ma kellu ebda taghmir, a kuntrarju ta' dak li jigri fejn caqliq ta' nies ikun pjanat minn qabel. Sussegwentement, gie awtorizzat jahdem mid-dar filwaqt li xoghol kien qed jigi assenjat lilu ftit li xejn.

9. Ghalhekk jissottometti illi hu gie trattat b'mod inuman u degredanti, mhux biss meta tqieghed f'ufficcju, u sussegwentement inghata permess sabiex jahdem mid-dar, wara caqliqa li saret hesrem, manifestament minghajr ebda pjan, izda wkoll anke fir-rankatura ghal dan kollu kien hemm trattament degredanti. Dan fost ohrajn kien jikkonsisti f'akkuzi foloz fil-konfront tieghu principalment mis-Segretarju Permanenti, izda aktar minn hekk, anke meta kien gie mwiddeb li ha

jinghata twissija ma kien inghata ebda raguni ghal dan. Jghid li deher car illi dik l-hekk imsejjha 'letter of intent' li kien hareg id-Direttur Joseph Barbieri, sabiex javza lill-esponent li kien ha jwiddbu, ma kienet xejn ghajr it-tkomplija tat-trattament degredanti fil-konfront tieghu. Dan ghaliex li kieku kien hemm verament xi haga li fuqha s-Segretarju Permanenti jew id-Direttur kellu fuq xhiex jaqbad, certament kien ser jelenkaha fir-ragunijiet ta' din l-hekk imsejjha 'letter of intent'. Sussegwentement, irrizulta illi t-twiddiba msemmija fil-'letter of intent' ma harget qatt. Ghall-kuntrarju, ufficjali gholja ohra fid-dipartiment fahhruh ghal xoghlu. Ghalhekk dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent beda meta kien ghadu assistent direttur u qabel ma gie trasferit, izda mbaghad ikkulmina meta mmanifestaw ruhhom, apparti n-nuqqasijiet li kienu diga` jezistu, nuqqasijiet din id-darba ta' natura fizika, li kienu jirrendu l-ambjent tax-xoghol tieghu bhala wiehed li ma setax jahdem fih.

10. Jghid li dan kollu holoq fih ukoll tbatija psikologika meta bhala ufficjal gholi tal-Gvern (f'kategorija A) sab ruhu mnezza mid-dinjita` tieghu bhala haddiem billi tqieghed gewwa kamra minghajr ma nghata xoghol, u sahansitra thalla zmien twil ma jattendix ghax-xoghol sakemm gie stallat t-taghmir mehtieg fl-ufficcju fejn gie rilokat. Minhabba dan, kien ghamel sforz qawwi biex isib xoghol alternattiv li jaghtih dinjita`. Fil-fatt wara diversi applikazzjonijiet li ghamel kien irnexxielu jintghazel

ghall-pozizzjoni ta' Assistent Direttur responsabbli mill-Impjiegi u Relazzjonijiet Industijali.

<u>L-applikabilita` ta' Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja f'dan il-kaz</u>

11. Ir-rikorrent jissottometti illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jkopri firxa shiha ta' atteggjamenti li jistghu jikkostitwixxu trattament inuman u degredanti, u mhux biss dak l-atteggjament li jirraprezenta t-tortura jew degradazzjoni fizika. Tant huwa wiesa' dan l-Artikolu fl-applikazzjoni ghal kuntesti differenti, illi l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) applikat dan l-artikolu, fost l-ohrajn fl-okkazjonijiet li gejjin: trattament hazin waqt li bniedem ikun fil-kustodja, detenzjoni, kastig korporali, fil-qasam ta' l-immigranti u r-refugjati, estradizzjoni, u fil-qasam tal-HIV u l-AIDS. Maz-zmien, l-ECHR bdiet taghti wkoll interpretazzjoni tat-tip ta' 'tbatija' (*suffering*) li wiehed irid jghaddi minnha sabiex jitqies li jista' jinvoka Artikolu 3. Jiccara dwar it-tielet saff ta' trattament inuman kif interpretat mill-ECHR li huwa mifhum illi dan it-trattament ma jfissirx biss trattament li bih wiehed jaghti kastig esagerat, izda japplika anke fejn bniedem jigi umiljat jew inaqqsulu d-dinjita` tieghu.

<u>Il-livell ta' gravita` mehtiega sabiex jigi stabbilit ksur tad-dritt fundamentali in kwistjoni.</u>

12. Jissottometti illi jidher li r-raguni principali ghalfejn l-ewwel Qorti

cahdet it-talbiet tal-esponent kienet ghaliex dik il-Qorti ma kinitx konvinta li l-livell tat-tbatija mentali allegatament subit minnu kien tali li tikkostitwixxi ksur u, ghalkemm ma jipprezenta l-ebda tortura, il-kaz tieghu huwa wiehed li jinkwadra ruhu perfettament fl-ambitu ta' Artikolu 3 tal-Konvenzjoni - kemm ghat-tbatija psikologika li ghadda minnha kif ukoll, eventwalment ghan-nuqqas ta' dinjita` li kien joffri l-ambjent fiziku li tqieghed fih mill-principal tieghu.

13. Kollox kien jindika li huwa ser jigi trattat b'mod illi jiddejjaq u jigi umiljat - ibda bl-ghoti ta' twissija ta' twiddiba li eventwalment qatt ma kkonkretizzat, u spicca b'diversi kummenti degredanti mghoddija mis-Segretarju Permanenti fil-konfront tieghu; dan kollu biss ghaliex huwa ma riedx idoqq il-muzika tas-superjuri tieghu, proprju ghaliex dak li kien qed jintalab minnu kien illegali.

14. Jghid li sabiex ma jibqax 'ta' xkiel' f'dan il-qasam tal-infermiera, huwa gie trasferit. It-'timing' tac-caqlieq tieghu ghal bini u ambjent differenti kienet tikkoncidi ma' dak il-perjodu fejn numru ta' infermiera barranin kien ser jghalqilhom iz-zmien tax-xoghol taghhom, u li jekk kienu ser jibqghu jahdmu, kienu ser ikunu qed jaghmlu dan illegalment. Ir-rikorrent kien diga` wera r-rezistenza tieghu ghall-fatt li dawn jibqghu jahdmu regolarment, u ghal xi raguni, il-mossa ta' ristrutturar kif applikabbli ghalih b'kumbinazzjoni habtet fl-istess zmien. Jghid li wara li

gie hekk imcaqlaq, dawn l-infermiera fil-fatt baqghu jahdmu rregolarment.

Ic-caqliqa tar-rikorrent minn post ghall-iehor ma kienx ristrutturar

15. Jghid li kollox jindika li t-trasferiment tieghu minn post ghall-iehor ma kien xejn parti minn ezercizzju ta' ristrutturar, kif qed jippruvaw jaghtu x'jifhmu l-intimati; proprju ghaliex ma gabu l-ebda prova illi fil-fatt iccaqalqu nies ohra bhala parti minn dan ir-ristrutturar.

16. Illi fuq dan il-punt, l-ewwel Qorti kkummentat illi anke n-nomenklatura tax-xoghol tad-Direttur Jesmond Sharples, xhud fil-kawza, giet mibdula, u dan billi nbidlet kelma, minn 'Direttur Nursing Standards', ghal 'Direttur Nursing Services'. Dan ma jfissirx illi billi nbidlet kelma fin-nomenklatura tax-xoghol ta' xhud, kien hemm fil-verita` ristrutturar. Dan iktar u iktar meta ntqal mill-ewwel Qorti li kien hemm hames persuni ohra involuti f'dan l-ezercizzju, izda li l-intimati ma gabu l-ebda prova dwarhom. Li huwa zgur hu li r-rikorrent, minghajr ma nghata c-cans jaghti *handover*, sab ruhu mil-lejl ghan-nhar f'ufficcju iehor, b'xoghol gdid, (ufficcju li wara kollox ma setax jahdem fih, tant li ntbaghat id-dar) u f'cirkostanzi li ma kienu jirriflettu xejn il-kariga li kellu sa dak iz-zmien. Kien anke f'dan is-sens li jghid li gie umiljat - u dan meta minn ufficcju regolari li fih kien assistent direttur, b'certu taghmir, spicca f'ufficcju li fih

ma setax jahdem adegwatament; u anke meta dan l-ufficcju seta' jibda jahdem fih, wara xi erba' xhur, baqa ma nghata l-ebda xoghol. Dan in-nuqqas ta' ghoti ta' xoghol lir-rikorrent, illi fiz-zmien ta' qabel kien imhabbat u okkupat sew bhala Assistent Direttur, fih innifsu huwa tnaqqis tad-dinjita` tieghu u umiljazzjoni skont l-artikoli fuq citati. Anke l-fatt illi ntbaghat sabiex jahdem mid-dar (meta wara kollox xoghol kellu ftit li xejn), fih innifsu kien umiljazzjoni.

17. Jghid li dan kollu jikkostitwixxi kjarament kaz ta' trattament degredanti fil-konfront tieghu. Jghid li l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghal kaz bhal dak inkwistjoni mhijiex xi haga gdida ghal kollox fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, anke fejn si tratta ta' ksur ta' dan id-dritt fuq il-post tax-xogholu u jiccita l-kawza **Vilnes and Others v. Norway** (sentenza - 5 ta' Dicembru 2013), moghtija mill-ECHR. Jghid ukoll illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni huma intimament issa marbutin mal-kuncett ta' 'dinjita`'.

<u>L-agir tal-intimati mhuwiex att ta' amministrazzjoni normali</u>

18. Illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, iddikjarat li:

> "Meta tapplika l-principji hawn fuq enuncjati ghall-fatti tal-kaz in ezami, issib illi hafna mill- episodji imsemmija mir-rikorrent huma okkorrenzi meqjusa normali fl-amministrazzjoni tad- Dipartimenti tal-Gvern."

19. Jghid li bi kliem l-ewwel Qorti stess, allura kien hemm okkorrenzi li ma kienux atti ta' amministrazzjoni normali, u dan gialadarba l-Qorti qieset hafna mill-atti bhala normali, izda mhux kollha. Dan apparti l-fatt illi hu ma jaqbilx li l-atti li saru kienu normali. Wiehed jibda mit-twiddiba ta' twissija, li qatt imbaghad ma avverat ruhha. Mhuwiex lanqas normali illi jibaghtuk f'xoghol gdid mil-lum ghal ghada, minghajr ma jaghtuk l-opportunita` taghti *hand over* lil ta' warajk, jew li ma jipprovdulekx it-taghmir biex tahdem. Dawn huma sinjali ta' ghaggla kbira sabiex hu ma jibqax involut, u mhux atti ta' amministrazzjoni normali.

20. L-intimati jwiegbu ghall-aggravji tar-rikorrent billi jissottomettu inter alia, illi c-cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezentaw ebda apparenza ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti da parte taghhom inkwantu r-rikors tieghu huwa msejjes fuq spekulazzjonijiet gratwiti li ma jsibu ebda konfort fil-fatti kif realment graw.

21. Jghidu li l-ewwel Qorti kompliet tikkunsidra li, minn analizi tal-gurisprudenza lokali huwa car li l-kazijiet ta' trattament degredanti jridu jkunu ta' certu 'serjeta` u gravita`' u ghamlet referenza ghal kazistika nostrana, izda osservat li mill-provi in atti ma tirrizulta ebda prova ta' xi trattament inuman u degredanti fil-konfront tar-rikorrent. Jghidu li r-rikors promotur huwa intiz illi jitfa' dell ikrah fuq l-operat tal-Ministeru, liema allegazzjonijiet huma bbazati fuq episodji mehudin barra mill-

kuntest jew adirittura inveritieri. Fil-qadi tal-funzjonijiet il-Ministeru jrid jilhaq bilanc kontinwu bejn l-ezigenzi tas-servizz u l-interessi tal-pazjenti.

22. Rigward l-allegazzjonijiet tar-rikorrent illi c-caqliq tieghu ma kienx ristrutturar u li l-agir tal-intimati ma kienux atti ta' amministrazzjoni normali, jghidu li dawn ma humiex sostenibbli ghaliex mill-atti processwali jidher li r-rikorrent qed jittanta jizvija mir-realta` ta' kif svolgew il-fatti realment biex jilhaq l-ghanijiet tieghu, u fir-rigward jaghmlu referenza ghax-xhieda ta' Joseph Barbieri.

23. Jissottomettu illi mid-diversi xhieda li ttellghu, minn imkien ma hareg li r-rikorrent kien gie assoggettat ghal xi trattament inuman u degredanti. Ghal kuntrarju, irrizulta car li kien hemm htiega ta' ristrutturar fl-amministrazzjoni tad-Dipartiment u li r-rikorrent gie rilokat fid-Direttorat l-iehor, li del resto kien idoneju ghall-kwalifiki u l-pozizzjoni tieghu u ghal-liema rilokazzjoni hu qatt ma oggezzjona. L-ufficjali tieghu kienu qed jagixxu fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tad-Dipartiment u skont l-esigenzi tieghu, liema kambjament effettwa ukoll ufficjali f'ranki gholja tal-istess Dipartiment. Dawn dejjem agixxew fil-parametri tal-ligi u tar-regolamenti tas-servizz pubbliku, kif spjegat ukoll minn Joseph Barbieri.

24. L-intimati jissottomettu wkoll li l-fatt li r-rikorrent ma qabilx ma'

certu decizjonijiet li ha s-Segretarju Permanenti bl-ebda mod ma jsegwi li l-istess Segretarju Permanenti ma agixxiex fl-interess tal-operat tal-Ministeru u/jew pazjenti f'dan il-qasam.

25. Dwar ic-caqliqa tieghu jissottomettu illi r-responsabbiltajiet tieghu gew mibdula bi qbil mar-rikorrent stess u mhux minnu li ma nghatax xoghol x'jaghmel. Irrizulta li l-ambjent tax-xoghol tieghu kien wiehed arjuz u spazzjuz u r-rikorrent nghata l-fakulta` li jahdem mid-dar ghal ftit zmien sakemm gie stallat *air conditioner* li sewa €1,600 fl-istess ufficcju. Ghax-xoghol li ghamel huwa nghata wkoll *performance bonus* ta' 5%, liema rata ma gietx kontestata mir-rikorrent.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

26. Din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li ghal dak li hu apprezzament ta' provi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax dan l-apprezzament li jkun sar mil-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi zball manifest li jirrizulta u li jekk ma jigix rettifikat parti tkun ser issofri ingustizzja. Izda dan ma jezonerax lil din il-Qorti mid-dmir li tinvestiga jekk fuq il-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha.[13]

[13] App. **S. KD Commercials Limited Et V. Valletta Freight Services Limited et** deciza 12 ta' Gunju 2017

27. Inkwantu l-aggravji tar-rikorrent huma konnessi ser jigu trattati flimkien.

28. L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdu protezzjoni kontra piena jew trattament inuman jew degredanti. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jispecifika wkoll it-tortura.

29. In tema legali din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "16. Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu illi l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghal piena jew trattament inuman jew degredanti.
>
> "17. Il-principji applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xorta gia` gew identifikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et.[14] u dan fis-sens li gej.
>
> "18. Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jehtieg li dak it-trattament jilhaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tieghu huwa necessarjament wiehed relattiv li jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz bhan-natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fizici u morali, u f'certi cirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta` u stat ta' sahha tal-vittma….*
>
> "19. Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaguna lill-persuna sofferenza fizika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem. Dan it-trattament ikun ukoll degredanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu.." [ Q.Kos. Paul Caruana vs Direttur tal-Habs et, deciza 31 Ottubru 2014]

30. Rigward il-livell ta' gravita` mehtieg sabiex tigi stabbiliti lezjoni ta'

[14] Ibid f.n. 2 supra, # 26-27.

dan id-dritt fundamentali, issir referenza ghas-sentenza PA fl-ismijiet **Charles Fenech et v. Onor. Prim Ministru** deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, fejn inghad:

> "F'dan il-kuntest, l-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (3rd Edit pag. 313) jaghmlu analizi ta' kawza ohra, l-*East African Asians Case* (irrapportata mill- Kummissjoni fl-14 ta' Dicembru, 1973) li ghandha certa xebh mal-kaz meritu ta' din il-kawza. Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-kaz:
>
> > ""It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that – given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature – "an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as "degrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity".
>
> "Dan l-element ta' gravita' jinsab ribadit ukoll mill-awturi **Jacobs & White, fil-ktieb "European Convention on Human Rights"** (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu:
>
> > ""The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross."
>
> "Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza *"Galea vs Segretarju tad-Djar",* deciza mill- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li trattament degredanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita' tal-bniedem.
>
> "Dawn il-principji ta' intensita' jew severita' gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza *"Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija",* minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza *"Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et",* deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. Filfatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degredanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta' u gravita'. Hekk, per ezempju, instabu kazi ta' trattament degredanti fejn sid ta' dar jitkecca mill-istess dar li jkun qed jokkupa, bis-sahha ta' ordni

ta' rekwizzjoni, sabiex jigi akkomodat xi hadd iehor *("Antonio Pace vs Seg. Djar et",* deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 1988, u *"Lucrezia Borg vs Seg. Djar et",* deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 1986), jew fejn persuna tigi nterrogata fid-Depot tal-Pulizija minghajr ma tkun infurmata bl-akkuza kontriha jew b'metodi li gew deskritti bhala inumani jew degredanti *("Tonio Vella vs Bonello",* deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 1986, u *"Jimmy Vella et vs Bonello",* deciza wkoll minn din il-Qorti fit-3 ta' April, 1997) jew meta mpjegat gie kostrett jiffirma dikjarazzjoni li meta ma marx ghax-xoghol f'gurnata wahda f'Gunju tal-1982, kien qed jipperikola l-istabbilita' u d-demokrazija f'pajjizna *("Joseph Vassallo Gatt vs Cassar noe",* deciza minn din il- Qorti fid-19 ta' Marzu, 1987)."

"Dwar x'inhu kkunsidrat bhala trattament degredanti, inghad ukoll:

"Interpretation of the meaning of degrading treatment is accompanied in the case-law by consideration of the severity of the alleged treatment suffered. The minimum level of severity is the threshold, or 'boundary'[15], that has been developed, which a situation must cross in order to activate the protection of Article 3. This is an essential element of the Court's assessment. 'Difficult' or 'undoubtedly unpleasant or even irksome'[16] treatment does not equate to degrading treatment. The ECtHR has stated that a practice was 'discreditable and reprehensible'[17], and that a situation may have been 'distressing and humiliating'[18], whilst neither obtained the minimum level of severity."[19]

31. Applikat il-premess ghal kaz odjern, jirrizulta ferm car li, kif korrettement gie osservat mill-ewwel Qorti, f'dan il-kaz ma jezistux l-estremi li jwasslu ghall-konfigurazzjoni ta' trattament inuman jew degredanti. Il-Qorti tinnota illi ebda wiehed mix-xhieda prodotti mir-rikorrent ma kkorrobora t-tezi tieghu illi hu kien issuggettat ghal xi trattament umiljanti jew degredanti. Hadd mix-xhieda illi tella', fosthom

---

[15] Cooper (2003) at 27, para. 2-01.
[16] López Ostra v. Spain, para. 60; Guzzardi v. Italy, judgment of 06 November 1980, Series A, no. 39, para. 107, respectively
[17] Ireland v. UK, para. 181
[18] Smith and Grady v. UK, para. 121
[19] Elaine Webster, ***EXPLORING THE PROHIBITION OF DEGRADING TREATMENT WITHIN ARTICLE 3 OF THE EUROPEAN CONVENTION ON HUMAN RIGHTS***, PHD Thesis, THE UNIVERSITY OF EDINBURGH, 2009 <https://www.era.lib.ed.ac.uk/bitstream/handle/1842/4062/Webster2010.pdf?sequence=1> accessed 14/06/2017

il-Ministru responsabbli fiz-zmien relattiv Dr Joseph Cassar, is-Segretarju Permanenti ta' dak iz-zmien Dr Kenneth Grech, id-Direttur tieghu meta kien Assistent Direttur fi hdan id-Direttorat tar-Rizorsi Umani Joseph Barbieri u Jesmond Sharples li kien id-Direttur tieghu meta r-rikorrent kien Assistent Direttur fid-Direttorat tas-Servizzi Infermeristici, ma kkonferma l-allegazzjoni tieghu illi hu kien vittma ta' trattament degredanti, jew ta' *transfer* illecitu jew abbuziv. Ghal kuntrarju, dawn jixhdu illi r-rikorrent ma kienx l-uniku impjegat li ghadda minn tibdil u caqliq u li dan ic-caqliq kien kollu frott ta' process amministrattiv ta' ristrutturar.

32. Dwar ic-*charge* li nharget kontra r-rikorrenti, fix-xhieda tieghu Joseph Barbieri[20] jispjega illi hu hareg din ic-*charge* lir-rikorrent wara li s-superjur dirett tieghu, Dr Kenneth Grech, gibidlu l-attenzjoni dwar l-allegat kaz tan-nuqqasijiet tar-rikorrent fir-regolarizazzjoni tal-kuntratti ta' mpjieg ta' numru ta' infermiera barranin. Jispjega wkoll illi kienet decizjoni tieghu, wara li r-rikorrent irrisponda b'mod li deherlu sodisfacenti, illi jitwaqqa' l-istess charge. Dwar it-trasferiment tar-rikorrent dan ix-xhud jispjega wkoll illi dan ma kienx semplici trasferiment minn post ghall-iehor izda kien rizultat ta' process ta' *"restructuring ta' organizazzjoni u kellna bzonn imexxu persuna minn post ghal iehor biex tiffitja fir-restructuring."*[21] Jispjega wkoll illi r-

[20] Vide xhieda ta' Joseph Barbieri a fol. 216
[21] Vide fol. 234

rikorrent *"bhala posizzjoni baqa' Assistant Director pero` minflok jirraporta lili jirraporta lid-Director Nursing*."[22]

33. Jesmond Sharples fix-xhieda tieghu [23] jispjega li, filwaqt li trasferiment ifisser li d-dipartiment jibatek minn post ghal iehor, dak li sehh mar-rikorrent kien *'business process re-structuring'.* Barra minnhekk ma tirrizultax provata l-allegazzjoni tar-rikorrent illi t-trasferiment tieghu tant sar hesrem illi lanqas cans ghal *handover* ma kien hemm. Michael Deguara fix-xhieda tieghu jghid illi huma kienu talbu *handing over* lir-rikorrent izda ghalkemm ippruvaw jiftehmu data, il-laqgha baqghet ma saritx.[24]

34. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-affidavit tieghu[25] r-rikorrent jilmenta minn pressjoni kbira li kienet giet ezercitata fuqu fiz-zmien meta huwa kien ghadu nkarigat mill-ingaggar u mit-trasferiment tal-infermiera mpjegati mal-Ministeru tas-Sahha u jixhed illi huwa dejjem oggezzjona u rrezista ghal tali irregolaritajiet ghalkemm hafna drabi d-decizjonijiet tas-superjuri tieghu kienu jmorru kontra l-pariri tieghu. Izda, din il-Qorti tosserva li dan kollu ma jinkwadrax fi trattament inuman jew degredanti fit-termini tal-artikolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq indikat.

35. Fix-xhieda tieghu, Dr Kenneth Grech jispjega bl-aktar mod car illi

[22] Vide fol. 235
[23] Vide xhieda ta' Jesmond Sharples a fol. 257
[24] Fol. 285
[25] Fol. 34 et seq.

fl-email li hu kien baghat lir-rikorrent u ohrajn (fol. 87), il-kelma *'criminal'* ma kinitx tirreferi ghal xi agir tar-rikorrent (kif isostni l-istess rikorrent) izda ghas-sitwazzjoni problematika li sabu ma' wicchom kawzata min nuqqas tan-*nurses* barranin li applikaw sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. L-istess xhud jispjega li inkwantu r-rikorrent kien Assistent Direttur responsabbli specifikament ghall-impjieg tan-*nurses*, kien mistenni wkoll li hu jiggwidahom fil-process tar-regolarizzazzjoni tal-impjieg taghhom.[26] Jispjega wkoll li kien hemm ghaxar diretturi u assistenti diretturi li kienu parti mill-process ta' ristrutturazzjoni u li nbidlitilhom il-pozizzjoni taghhom, ir-rwol taghhom jew id-dipartiment.[27]

36. Fl-affidavit tieghu Joseph Barbieri[28] jikkontesta bil-qawwa l-pretensjonijiet tar-rikorrent u jghid li huwa dejjem agixxa korrettament, skont il-proceduri tas-Servizz Civili u kif stipulat fil-Public Service Management Code u, li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma inveritieri u mehudin barra mill-kuntest kollu. Huwa jghaddi mbaghad sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet imressqa mir-rikorrent fl-affidavit tieghu. Jghid ukoll illi ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrent ittanta jiskredita lilu u l-operat tal-Ministeru u kien ressaq ukoll ilment lill-Ombudsman li, wara investigazzjoni, ghalaq il-kaz bhala infondat.[29] Din il-Qorti tinnota li l-Ombudsman fir-rapport tieghu, adirittura rrakkomanda li r-rikorrent jiskuza ruhu inkwantu l-allegazzjonijiet serji li huwa ghamel

[26] Fol. 300-301
[27] Fol. 315
[28] Fol. 386 et seq.
[29] Dok JB7 a fol. 400

fil-konfront tas-superjuri tieghu kienu ghal kollox bla bazi.

37. Anki dwar l-allegat nuqqas ta' xoghol li nghata waqt li kien qieghed jahdem mid-dar, li skont ir-rikorrent ukoll kien jammonta ghal tnaqqis tad-dinjita` tieghu u umiljazzjoni, inghatat spjegazzjoni minn Joseph Barbieri.[30] Dan spjega, illi filwaqt li kien difficli illi jinvolvih fin-negozjati tal-proposti tal-ftehim settorali minhabba l-perjodu qasir li hu kien ghamel fil-posizzjoni ta' Assistent Direttur (Industrial Relations), huwa kien iddelegalu zewg oggettivi importanti u kien kkomunikahomlu minghajr dewmien sabiex ikun jista` jibda jahdem fuqhom.

38. Ghalhekk, tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma mirquma illi mhux talli l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent ma gewx korroborati u kkonfermati minn ebda xhud li ttella' minnu, izda talli gew kontradetti mill-istess xhieda, b'mod partikolari mix-xhieda Joseph Barbieri u Dr Kenneth Grech li kienu z-zewg superjuri diretti tieghu. Mhux biss ma gie ppruvat ebda trattament umiljanti, izda talli lanqas ma ttellghet l-icken prova da parti tar-rikorrent dwar xi sentimenti ta' biza', angoxxia jew sens ta' inferjorita` u ta' umiljazzjoni allegatament subiti minnu.

39. Rigward il-kaz **Vilnes and Others v. Norway**[31] citat mir-rikorrent, din il-Qorti tosserva li l-fatti ta' dak il-kaz kienu estremament differenti

[30]Vide affidavit tieghu a fol. 386 et seq.
[31] Q.E.D.B deciz fil-5 ta' Dicembru 2013

minn dak tar-rikorrent, ghax kif sottomess mill-istess rikorrent, dak il-kaz kien jitratta dwar numru ta' ghaddasa li spiccaw b'dizabilita b'rizultat tal-attivitajiet taghhom taht il-bahar ghat-tfittix taz-zejt, waqt li kienu fuq xogholhom. Ghalhekk huwa car li dak il-kaz ma jista' jkun ta' ebda suffragju ghar-rikorrent.

40. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti tosserva li mill-atti ma jirrizulta ebda trattament inuman u degredanti meta r-rikorrent gie rilokat ghal ufficcju gdid li kien ghadu mhux lest, imma kien inghata l-fakulta` li jahdem mid-dar ghal madwar xahar u nofs sakemm tlesta l-ufficcju. Ma jirrizulta ebda trattament inuman u degredanti fit-trasferiment tieghu inkwantu gie ppruvat li dan kien parti minn ristrutturar amministrattiv li ma laqatx biss lir-rikorrent. Lanqas ma jirrizulta ebda trattament inuman u degredanti fic-*charge* li nhargitlu, inkwantu rrizulta b'mod car illi r-rikorrent kien inghata l-opportunita` li jirrispondi, tant illi wara li wiegeb ghal tali *charge*, ma nhargitlu ebda twissija bil-miktub u l-kaz waqaf hemm.

41. Tikkonkludi fuq dan il-punt bl-osservazzjoni li, ghalkemm caqliq fuq post tax-xoghol, anke kawza ta' ristrutturar, jista' jgib mieghu certu ansjeta` f'uhud mill-impjegati li forsi kienu draw u kienu kuntenti bl-*istatus quo* u li ghalhekk kienu kontra r-ristutturar kif pjanat mill-Ministeru u s-subalterni tieghu, u wkoll setghu ma jaqblux mal-mod kif saret dik ir-re-organizzazzjoni, izda dan ma jlahhaqx dak il-grad ta'

sofferenza li ghaliha huma mahsubin l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati. B'mod specifiku ghal kaz odjern, ir-rikorrent ma rnexxielux jipprova li r-rilokazzjoni tieghu minn post tax-xoghol ghal iehor b'doveri differenti, kienet saret bi skop li tumiljah jew tiddegrada d-dinjita` tieghu u lanqas gie provat li kkagunatlu dak il-livell gholi ta' sofferenza rikjest mill-artikoli precitati.

42. Fic-cirkostanzi tal-kaz il-provi jissustanzjaw il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fis-sens li fuq il-provi akkwiziti dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti li din il-Qorti tikkondividi pienament .

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| --- | --- | --- |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df